# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Mejju 2018**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Guramentat Numru : 548/2017/LSO**

**Antonio Deguara (K.I. numru 895147M) u martu Maria Carmela *sive* Miriam Deguara (K.I numru 537649M)**

**vs**

**Sarah Afifi (K.I. numru 478891M) u Adel Afifi (K.I numru 582892M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Antonio Deguara (K.I. numru 895147M) u martu Maria Carmela *sive* Miriam Deguara (K. I. numru 537649M) datat 19 ta’ Gunju 2017 fejn Antonio Deguara (K.I. numru 895147M) bil-gurament tieghu kkonferma li huwa jaf personalment bil-fatti hawn taht esposti:

Illi b'permezz ta' kuntratt ta’ bejgh ta' nhar it-tmintax ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (18.06.2015) fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor George *sive* Jurgen Galea, kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'A', l-esponenti xtraw u akkwistaw minghand il-werrieta tal-familja Micallef hdax-il sehem minn tnax (11/12) mill-fond bin-numru mija u hamsa (105), St. Albert Street, Gzira, liberu u frank minn cnus u/jew pizijiet, bid-drittijiet giustijiet u pertinenzi tieghu kollha. Barra minn hekk, fl-istess kuntratt ta' akkwist gie specifikat ukoll illi d-dodicezima parti rimanenti (1/12) kienet diga' proprjeta' parafernali tar-rikorrenti Maria Carmela *sive* Miriam Deguara.

Illi r-rikorrenti kienu jikru lill-imsemmi fond lid-defunti Emanuel u Rita, konjugi Attard.

Illi fl-ahhar tas-sena elfejn u sittax, l-esponenti mar fil-proprjeta' indikata fejn gie kkonfermat lilu d-decess ta' Rita Attard li mietet wara zewgha Emanuel Attard Sussegwentement, l-esponenti gabar il-kera tas-sena 2016 u fejn halla d-debita rcevuta datata wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (21.12.2016), kopja ta'

liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B', f'isem Emanuel Attard u fejn informa lill-konvenuta Sarah Afifi li *stante* li kirja kienet spiccat, hija u huha l-konvenut Adel Afifi kienu fl-istess proprjeta' minghajr titolu validu fil-ligi, *stante* li qatt ma kien hemm kuntratt ta' kera maghhom. Ghalhekk, l-esponenti informa lill-konvenut li l-kera li kien hemm mal-konjugi Attard kienet spiccat u jekk huma riedu jibqghu jabitaw fl-istess dar, ried isir ftehim gdid, fejn jintlahaq ftehim fuq numru ta' konsiderazzjonijiet, fosthom il-hlas tal-kera u t-terminu ta' din il-kera. Ghal dan il-konvenuta Sarah Afifi wiegbet li kwalunkwe diskussjonijiet riedu jsiru maghha u qalghet lill-esponenti li fil-kaz, il-kera riedet issir fuqha biss

Illi sabiex jintlahaq ftehim, l-esponenti ta' lill-konvenuti, gimgha cans sabiex jiehdu d-decizjoni taghhom ta' x'kienu ser jaghmlu u sabiex jaghtuh risposta, izda nonostanti t-trapass ta' aktar minn xahar, dawn naqsu milli jaghmlu kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni mal-esponenti.

Illi in konsegwenza tal-fatti suesposti, l-esponenti bghatu anki ittra ufficjali datata 6 ta' Frar tas-sena 2017 lil Sarah Afifi fejn interpellawha sabiex tivvaka l-fond numru 105, St. Albert Street, Gzira, fi zmien xahar mid-data tal-istess ittra ufficjali, kopja ta' liema qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'C' izda nonostanti dan kollu, il-konvenuti baqghu inadempjenti, u lanqas biss wiegbu ghal din l-ittra ufficjali.

Illi minkejja illi l-konvenuti ma ghandhom l-ebda drittijiet fuq il-fond inkwistjoni, huma qeghdin juzaw u jokkupaw dan il-fond minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi.

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha fil-ligi *ai termini* tal-artikolu 167 et seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex il-konvenuti m' ghandhomx titolu validu fuq il-fond imsemmi u fil-fehma tal-esponenti, il-konvenuti m' ghandhom l-ebda difiza xi jressqu ghat-talba tal-esponenti;

Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;

Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-esponenti illi qeghdin hawn jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-fond numru 105, St. Albert Street, Gzira minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi kif hawn fuq spjegat;

3. Tordna lill-konvenuti jizgombraw mill-istess fond hawn fuq imsemmi u dana entru zmien qasir u perentorju li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan il-ghan.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata sitta ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax, li huma minn issa stess ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Lulju 2017 fid-9:30am, b' ordni lill-intimati biex jidhru f' dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 20 ta' Lulju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent assistit minn Dr Alfred Abela u Dr Mario Mifsud. Dehret l-intimata Sarah Afifi assistita minn Dr Joseph Ellis. Il-Qorti qieset li l-intimata prezenti fl-Awla ghandha ragunijiet 'prima facie' biex tikkontesta t-talbiet tal-attur u ghalhekk awtorizzatha tipprezenta risposta guramentata fi zmien ghoxrin (20) jum minn dan id-digriet fit-termini tal-artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kawza giet differita ghad-19 ta' Ottubru 2017 fid-9:30a.m.

Rat ir-risposta ta' Sarah Afifi, detentrici tal-karta tal-identita` 478891(M) datata 14 ta' Settembru 2017 (fol 33) illi bil-gurament taghha ddikjarat illi hija taf personalment il-fatti hawn imsemmija u esponiet :

1. Illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-kompetenza *ratione materiae* illi tiddisponi minn dina l-kawza peress illi l-fond in kwistjoni kien mikri lil nannet l-esponenti illi kellha ukoll l-kura u l-kustodja tal-esponenti u li maghha dejjem

kienet tghix. Wara l-mewt ta' nannitha, l-istess kirja daret fuq l-esponenti kif ser jintwera.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti illum qieghda tokkupa l-fond *de quo* b'titolu ta' kera *ai termini* tal-artikli 1531F jew alternattivament, l-artiklu 1531G tal-Kap. 16.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 17 ta' April 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, il-partijiet prezenti fl-Awla. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghall-31 ta' Mejju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi kif jidher mir-rikors promotur, ir-rikorrenti qed jitolbu ghall-izgumbrament tal-intimati mill-fond 105, St. Albert Street Gzira, *stante* li ghadha qed tokkupa l-fond wara li gew infurmati biex jivvakaw il-fond peress li l-kirja li kien hemm ma' Rita u Emanuel Attard giet terminata, u fil-kaz ta' l-intimati qatt ma kellhom kuntratt ta' kera.

Illi gie eccepit preliminarjament li din il-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza *ratione materiae* peress li l-fond in kwistjoni kien mikri lin-nanniet tar-rikorrenti li kellhom il-kura u l-kustodja taghhom. Ghalhekk, qed jigi sostnut mill-intimati li l-kirja daret fuq l-intimati.

**Sarah Afifi** xehdet permezz ta' affidavit (fol 38) qalet li hi twieldet fl-1991, u wara sitt xhur il-genituri taghha sseparaw u baqghu joqghodu hi, huha u ommha man-nanniet taghha. Semmiet li n-nannu miet fit-23 ta' Marzu 2001, u ommha mietet fis-17 ta' Novembru 2003 meta hi kellha biss tnax-il sena u hi baqghet toqghod u tiehu hsieb nannitha sal-mewt taghha fid-19 ta' Marzu 2006. Ziedet tghid li wara l-mewt ta' nannitha, is-Sur Deguara, r-rikorrent ipproponielha li jibda kuntratt gdid ta' kera izda qatt ma infurmaha kemm se tkun il-kera, u hija baqghet ma tatux twegiba.

In **kontro-ezami** qalet (fol 44-45)[1] li hi qed tghix fl-imsemmi fond flimkien ma' habiba ohra taghha li ghandha bzonn post bhalissa, u kkonfermat li m'hemmx provvista ta' dawl f'dan il-fond. Qalet li l-ahhar li hallset kera kien fl-2016, u mbaghad giet infurmata li l-kera kellha tirdoppja. Semmiet ukoll li hi ma tahdimx.

**Antonio Deguara** xehed (fol 45-46)[2] u kkonferma li meta xtara l-imsemmi fond kien jaf li hu mikri, izda l-ahhar kera li

[1] Seduta tat-8 ta' Marzu 2018.
[2] Seduta tat-8 ta' Marzu 2018

gabar meta kienet ghad hemm l-inkwilina hajja, f'Dicembru 2016.

Huwa pacifikament accettat illi l-kompetenza ta' Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija mit-termini tal-azzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolat, u t-talbiet u l-premessi taghhom, li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha. (**Frankie Refalo nomine v Jason Azzopardi et**, Appell - 7 ta' Ottubru 1997).

It-talba dedotta fir-rikors promotur hija ghall-izgumbrament tal-intimati billi qed jigi premess li m'ghandhomx titolu *stante* li l-inkwilina mietet. Illi min-naha l-ohra, l-intimati jippretendu li l-kirja kompliet billi l-inkwilina rikonoxxuta kienet nannithom u Sarah Afifi tikkontendi li dejjem ghexet maghha sakemm mietet.

Il-pozizzjoni legali fil-materja ta' kompetenza *ratione materiae* tal-Qrati ordinarjii u dawk ta' kompetenza specjali f'kawzi konnessi ma' kirjiet urbani kienet ormai pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna.[3] Bl-introduzzjoni tal-Att X tal-2009, izda dahlu fis-sehh xi tibdiliet li wessghu l-kompetenza tal-Bord tal-Kera. B'dan l-att gew emendati *inter alia* l-artikolu 1525 tal-Kap 16 u l-**artikolu 16 tal-Kap 69**, tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[3] Ara ad ez. **Rinaldo Wismayer vs Paolo Saydon et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 1982, li rreferiet ghas-sentenzi fl-ismijiet **G. Cauchi vs Dr. T. Fenech noe**. Koll Vol. XXX-I-811**; A. Cuschieri vs A. Camilleri**, Koll.Vol.XXXVII-I-568, Appell deciz fl-10.10.2003 fl-ismijiet **Dottor Alfred Grech et vs Joseph Muscat et**; **Richard Borg Ginger pro et noe vs Frank Caruana et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10.10.2003

Illi skont **l-artikolu 1525(1) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta** il-Bord li Jirregola l-Kera "*ghandu kompetenza esklussiva li jiddeciedi kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u ta' dar ta' abitazzjoni u ta' fond kummercjali. Kirjiet ohra jaqghu taht il-kompetenza tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Civili u fil-kaz ta' raba' taht il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba".*

Din id-disposizzjoni hija wkoll replikata **fl-artikolu 39(5) tal-Att 'X' tal-2009** fid-disposizzjonijiet transitorji. L-artikolu 38(a) jipprovdi subartikolu gdid wara l-artikolu 16(3) tal-Kap 69, l-**artikolu 16(4) li jghid hekk:**

*"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, il-Bord ghandu wkoll jiddeciedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummercjali u dan ghat-termini ta' Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili fuq il-Kuntratti tal-Kiri, inkluzi kawzi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu intemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja."(Vide* **Salvatore Bartolo et vs Anthony Deguara et**, Qorti tal-App. Inf. 16-12-2015; u "**Catherine Darmanin et vs Miriam Cutajar Fiorini et**", Qorti tal-Appell Inferjuri deciza fis-16 ta' Dicembru 2015).

Illi fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti adixxew lil din il-Qorti sabiex jitolbu l-izgumbrament tal-intimata *stante* li l-kirja li kien hemm f'isem in-nanniet tal-intimati hija terminata. Jirrizulta li kien hemm kirja vigenti f'isem in-nanniet tal-intimati fir-rigward ta' l-imsemmi fond. Illi meta Antonio

Deguara akkwistaw il-fond in kwistjoni permezz ta’ kuntratt Dok A datat 18 ta’ Gunju 2015, kien jaf li kien hemm inkwilina fil-fond, u fil-fatt huwa baqa’ jacceta l-kera sakemm baqghet hajja l-inkwilina u cjoe` sal-2016. Ghalhekk, ir-rikorrenti qed isostnu li l-intimata Sarah Afifi qed tokkupa l-imsemmi fond minghajr ebda titolu validu, *stante* li Rita Attard mietet (in-nanna ta’ l-intimati), hekk kif *del resto* huwa spjegat fl-ittra ufficjali li ntbaghtet lill-intimata esebita bhala Dok C (fol 21) mar-rikors promotur.

Jirrizulta, anke mix-xhieda tal-istess partijiet, li l-intimata qed tikkontendi li l-kirja ghandha titkompla f’isimha, filwaqt li r-rikorrenti qed jissottometti, kemm fil-premessi kif ukoll fit-trattazzjoni, li m’ghadx hemm kirja *stante* li l-kirja giet terminata mal-mewt tal-inkwilina Rita Attard.

Difatti, fit-trattazzjoni, gie sostnut mill-avukat difensur tal-intimati, li ladarba *si tratta* ta’ kwistjoni ta’ lokazzjoni u jrid jigi stabbilit jekk l-intimati humiex inkwilini jew le, il-kompetenza hija fi hdan il-Bord li Jirregola l-Kera. Ghalhekk, l-indagini li trid issir hija dwar l-intimati jistghux jikkwalifikaw bhala kerreja wara l-mewt tan-nanna taghhom Rita Attard.

Ikkonsidrat li l-intimati qed jinvokaw l-applikazzjoni **tal-artikolu 1531F u/jew 1521G** in sostenn tal-pretensjoni taghhom li jkomplu fl-inkwilinat.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-investigazzjoni mehtiega ghandha ssir mill-Bord li Jirregola l-Kera.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tqies li m'ghandhiex il-kompetenza *ratione materiae* biex tkompli tisma' dan il-kaz.

**L-Intimat Adel Afifi**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-intimat Adel Afifi, rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2017 fejn deher Adel Afifi u ddikjara li vvaka l-fond u m'ghandux interess li jikkontesta t-talbiet. Il-Qorti ghalhekk, ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-intimat Adel Afifi.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-konfront tal-intimat Adel Afifi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara li m'ghandu l-ebda titolu validu biex jokkupa l-fond numru 105, St. Albert Street, Gzira u kwindi tordna li jizgumbra mill-imsemmi fond fit-terminu perentorju ta' tmienja u erbghin (48) siegha millum.

Ghal dak li jirrigwarda l-intimata Sarah Afifi, tqies li m'ghandhiex il-kompetenza *ratione materiae* biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-imsemmija intimata u tordna li l-atti tal-proceduri jigu trasferiti lill-Bord Li Jirregola L-Kera sabiex jiehu konjizzjoni ta' din il-kawza.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali salv ghall-ispejjez li jikkoncernaw Adel Afifi li jigu sopportati minnu stess.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju 2018**